# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 17/08/3 JVC**

**Judith Nicola Cordina u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2015, l-isem u kunjom l-attriċi għandhom jibdew jinqraw Nicola Portelli**

**v.**

**Michael Angelo Cordina**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell ta' Michael Angelo Cordina minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fil-21 ta' April 2015 u li permezz tagħha laqgħet it-talbiet kollha ta' bintu l-attriċi, illikwidat id-danni fis-somma ta' €82,984 u

kkundannatu jħallas dik is-somma bl-imgħax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv u bl-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut.

2. Mill-atti jirriżulta li:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat minn Judith Nicola Cordina fid-29 ta' Lulju 2008 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja, l-appellata ppremettiet li twieldet fit-30 ta' Jannar 1989 u hija bint il-konvenut. Tgħid li sa minn età żgħira ħafna hija trabbiet f'ambjent abbużiv u nfeliċi u tagħti diversi eżempji dettaljati ta' dak li hija tiddefinixxi bħala torturi mentali li l-konvenut kien jissottomettiha għalihom. Finalment tikkontendi li b'konsegwenza tal-aġir tal-konvenut hija m'akkwistatx l-edukazzjoni u b'mod partikolari ma kisbitx il-kwalifiki akkademiċi li xtaqet u li kienet kapaċi tikseb b'dannu kbir għall-futur lavorattiv tagħha u b'telf ta' karriera lukrattiva; kif ukoll ġiet menomata bioloġikament u b'mod partikolari psikoloġikament b'mod permanenti. Talbet għalhekk lill-Qorti:

> '*(1) Tiddikjara illi matul il-ħajja minorenni tar-rikorrenti, u ċioé sakemm laħqet l-età maġġorenni, il-konvenut naqas mill-obbligi tiegħu bħala ġenitur li jieħu ħsieb, imantni, jgħallem u jeduka lil bintu l-attriċi skond il-ħila, ix-xehtiet naturali u l-aspirazzjonijiet tagħha, bi ħsara permanenti għar-rikorrenti.*
>
> *"(2) Tiddikjara illi anzi mhux talli ma qdiex l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq esposti, talli l-konvenut attivament xekkel l-iżvilupp tal-personalità tal-attriċi, it-talenti tagħha, u l-abilitajiet mentali tagħha, b'dannu permanenti għar-rikorrenti;*

*“(3) Tiddikjara illi l-intimat abbuża mir-rikorrenti billi assoġġettaha għal tortura fiżika u mentali u għal trattament kiefer, inuman u degradanti b’mod li kkawżalha ħsara bijoloġika u psikoloġika ta’ natura permanenti;*

*“(4) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b’konsegwenza tal-aġir premess tal-intimat billi tiddikjara li jikkonsistu f’dawk id-danni emerġent u lukri cessanti illi jirriżultaw waqt is-smiegħ tal-kawża;*

*“(5) Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

*“Bl-ispejjeż kontra l-konvenut bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-intimat li għaliha qiegħed jiġi minn issa stess inġunt.’*

2.2. Bil-ġurament tiegħu l-konvenut wieġeb:[1]

*‘1. Qabel xejn ir-rikorrenti trid tispecifika l-bazi u t-tip ta’ l-azzjoni li hija qed tintenta b’din ilkawza, cioe’ jekk hijiex azzjoni taht l-artikolu 2153 tal-Kap 16 jew jekk hijiex xi tip iehor ta’ azzjoni sui generis. L-esponenti jirriserva li jdahhal twegibiet ulterjuri wara li r-rikorrenti tispecifika t-tip ta’ azzjoni li hija qed tintenta b’din il-kawza, b’referenza ghall-artikolu jew artikoli specifici tal-ligi.*

*“2. In linea preliminari wkoll, l-inkompetenza ta’ din il-qorti rationae materiae billi kompetenti li tisma’ u tiddeciedi din il-kawza hija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri ta’ Sezzjoni Generali. Din mhijiex kawza ghall-esekuzzjoni ta’ obbligazzjoni minn dawk kontemplati fl-Ewwel Ktieb Titolu I tal-Kodici Civili, izda kawza ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni minhabba hsara sofferta talli allegatament il-missier naqas mill-obbligi paterni tieghu u l-esponenti qed jifhem li din l-azzjoni tinkwadra ruhha taht l-artikolu 2153 tal-Kap 16.*

*“3. In linea preliminari wkoll l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16. Il-kura u l-kustodja tar-rikorrenti giet assunta esklussivament minn omm ir-rikorrenti fissena 2001, permezz tal-kuntratt ta’ separazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Silvio Hili tat-30 ta’ Awwissu 2001, u dak iz-zmien ir-rikorrenti kien ghad ghandha hdax-il sena. Minn dak izzmien ‘il hawn il-missier wettaq l-obbligi tieghu kollha taht dak il-kuntratt u qabel dakinhar wettaqhom ukoll skont il-ligi u dak premess mill-attrici huwa nveritier u m’huwiex assolutament il-kaz. Ghandha ghalhekk twiegeb omm ir-rikorrenti li kienet hi li rabbiet hazin lill-istess rikorrenti kif accennat hawn taht u kif ser jirrizulta f’aktar dettal fil-mori ta’ din il-kawza.*

[1] Fol. 22 *et seq*.

*"4. Illi f'din il-kawza hemm l-id mohbija, malinnja, u distruttiva ta' omm ir-rikorrenti, u mart l-esponenti li qeghdha taghmel minn kollox biex taghmel herba shiha mill-familja talesponenti u sahansitra taghha stess u tantagonizza lil uliedha taht il-kontroll taghha kontra l-esponenti. Din il-kawza trid tigi ezaminata fid-dawl ta' diversi kawzi ohra (citazzjonijiet numru 12/06 Grech vs Cordina, pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, 6/08 - Grech vs Cordina, pendenti quddiem din il-qorti u 61/07 - Grech vs Avukat Generali et, pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali) li omm ir-rikorrenti qeghdha taghmel kontra l-esponenti f'attentat biex tnehhi l-paternita' legali ta' ibnu Koli u sa lesta biex tiddegrada lil dan it-tifel ghal stat kuntrarju ta' iben illegittimu, bin missier mhux maghruf. L-ghan ewlieni taghha huwa biex l-omm taqta' l-access tal-esponenti ghall-minuri li jinsab regolat bil-kuntratt ta' separazzjoni, b'tant hsara psikologika li l-istess omm ser tikkawza lil dan it-tifel bl-agir irresponsabbli u spensjerat taghha mbasta tissodisfa l-animu u l-pika taghha ghall-esponenti. Omm ir-rikorrenti sa waslet biex iddikjarat bil-miftuh f'dawk il-kawzi li kemm hi u l-esponenti damu flimkien hija wettqet adulterjuri flagranti ma' bosta rgiel tant li dan Koli ma tafx min ta' liema relazzjoni stramaritali kien. Minn dawn il-kawzi johrog car il-mottiv ta' min imbotta, heggeg u wassal lir-rikorrenti biex issa stitwiet din il-kawza kontra missierha. Ir-rikorrenti tinsab taht il-kontroll assolut ta' ommha u lomm qed tinqeda b'bintha biex tilhaq l-ghanijiet malinnji taghha, tant li halfet li trid taghmel minn kollox biex tkisser lill-esponenti.*

*"5. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*"6. Illi jekk kien hemm min naqas mill-obbligi tieghu ta' genitur fil-familja ma kien hadd ghajr omm ir-rikorrenti, il-mohh wara din il-kawza, li dahlet u ghadha ddahhal lill-familja fi krizijiet kbar, djun kbar minhabba negozju hazin, falliment wiehed wara l-iehor, tant li ghaddiet u ghadha ghaddejja minn kura psikjatrika, il-vizzju ikrah tax-xorb, tant li kellha tiddahhal diversi drabi ghall-kura f'centri ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tax-xorb u vizzji ohra, relazzjonijiet stramaritali u adulterju flagranti matul il-hajja taz-zwieg tant li hi stess ma tafx tghid mil-liema relazzjoni huwa l-iben Koli. Bla dubbju huwa dan l-ambjent li kellu konsegwenzi fuq l-izvilupp tar-rikorrenti u mhux vici versa. L-esponenti sakemm issepara kien dedikat ghall-familja u ghan-negozju li kellha martu u ma jafx x'inhu ghazz kif lesti u ser jixhdu l-haddiema li qabel mal-genituri tar-rikorrenti sseparaw kienu jahdmu fil-hanut, mid-dar ma hareg qatt hlief ghax-xoghol mal-Gvern u fir-restaurant u lil uliedu rabbihom hu b'ghozza, b'sagrificcju, b'hila u b'dedikazzjoni. Issa omm ir-rikorrenti qed tibqa' taghmel herba shiha u qed izzeffen lil uliedha fil-kwistjoni u din il-pika ilha ghaddejja issa sa minn xi sentejn wara li saret is-separazzjoni u meta qed tara lill-esponenti setiljat flimkien ma' bintu l-ohra Michaela u hi ma tista' ssib paci mkien.*

*"7. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.'*

2.3. Fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2008[2] l-attriċi ddikjarat il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut;

2.4. Fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2008,[3] il-konvenut irtira l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni iżda nsista fuq it-tieni eċċezzjoni;

2.5. Permezz ta' sentenza *in parte* mogħtija fid-9 ta' Diċembru 2008,[4] il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u ordnat li l-kawża tkompli tinstema' mis-Sezzjoni Ġenerali tagħha;

2.6. Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Jannar 2015,[5] il-Qorti awtorizzat korrezzjoni fl-okkju tal-kawża sabiex isem u kunjom l-attriċi jaqra Nicola Portelli minflok Judith Nicola Cordina;

2.7. Permezz ta' nota ppreżentata fis-6 ta' April 2015,[6] il-konvenut irtira l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet tar-risposta ġuramentata tiegħu filwaqt li ħalla ferm il-ħames eċċezzjoni;

[2] Fol. 25.
[3] Fol. 40.
[4] Fol. 42 *et seq*.
[5] Fol. 526.
[6] Fol. 566.

2.8. B’sentenza mogħtija fil-21 ta’ April 2015 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet billi:

> *‘taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut li ghadhom in vigore sad-data ta’ dan il-gudikat, tilqa' t-talbiet kollha attrici u*
>
> *“1. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Nicola Portelli b'rizultat tal-agir ta’ missierha l-konvenut Michael Angelo Cordina ghas-somma ta’ tnejn u tmenin elf, disa’ mija u erbgha u tmenin Euro (€82,984).*
>
> *“2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici din is-somma hekk likwidata ta' tnejn u tmenin elf, disa’ mija u erbgha u tmenin Euro (€82,984) bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *“L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut.’*

3. Il-konvenut Michael Angelo Cordina appella. L-aggravju tiegħu hu bażat fuq:

3.1. apprezzament tal-provi;

3.2. rapport tal-esperti;

3.3. influwenza manipulattiva ta’ Rose Grech;

3.4. xhieda konfliġġenti;

3.5. nuqqas ta’ ness ta’ kawza u effett mad-danni allegatament sofferti;

3.6. likwidazzjoni tad-danni;

3.7. multiplier.

Konsegwentement talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka għal kollox is-sentenza appellata billi tilqa' l-appell tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata.

4. L-appellata wieġbet illi:

4.1 l-appellat jibda r-rikors tal-appell tiegħu billi jiċċita skorrettement ir-risposta ġuramentata minnu stess ippreżentata quddiem l-ewwel Qorti;

4.2 l-appellant ikompli r-rikors tal-appell tiegħu billi jipprova jiżvija lil din il-Qorti billi jaħbilha l-fatt li rtira l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu għajr waħda li l-ewwel Qorti ddisponiet minnha fis-sentenza appellata;

4.3 l-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti reviżorja tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tiegħu fil-prim'istanza;

4.4 id-dokumenti esebiti mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu għandhom jiġu sfilzati;

4.5 il-kritika tal-appellant tar-rapport tal-esperti hija nfondata;

4.6 l-appellant ma ġab ebda raġuni impellenti għala d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti għandha tiġi skartata u x-xhieda li jgħid li hija konfliġġenti ma hija konfliġġenti xejn;

4.7 kuntrarjament għal dak li jallega l-appellant, ir-rapporti mediċi stabbilew b'mod mill-aktar ċar in-ness bejn l-aġir tal-missier u l-ħsara psikika li ġarrbet l-attriċi; u

4.8 kuntrarjament dak li jsostni l-appellant, l-ewwel Qorti ma għamlet l-ebda evalwazzjoni spekulattiva fil-likwidazzjoni tad-danni.

Tgħid għalhekk li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma b'dan illi l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.

**<u>Dokumenti eżebiti mar-Rikors tal-Appell.</u>**

5 Flimkien mar-rikors tal-appell l-appellant ippreżenta: (i) **<u>Dok A</u>**: sentenza fl-ismijiet ***Michaelangelo Cordina v. Rose Grech*** mogħtija

mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Ġunju 2004 fl-atti tal-bejgħ b'subbasta numru 9/2003; (ii) **Dok B**: sentenza fl-ismijiet ***Michaelangelo Cordina v. Rose Grech*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2005 fl-atti tal-bejgħ b'subbasta numru 9/2003; (iii) **Dok C**: sentenza fl-ismijiet ***Rose Grech v. Michael Angelo Cordina*** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta' Ġunju 2008 (Ċitazzjoni Numru 12/2006); (iv) **Dok D**: sentenza fl-ismijiet ***Michaelangelo Cordina v. Rose Grech*** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar 2011 (Ċitazzjoni Numru 2/2008); (v) **Dok E**: żewġ CDs miktuba u kantati minn MaryAnne Zammit bl-isem '*Għanjiet it-tfal'.*

6 L-appellata talbet l-isfilz ta' dawn id-dokumenti kemm fir-risposta tal-appell tagħha kif ukoll permezz ta' rikors *ad hoc* ippreżentat minnha kontestwalment mar-risposta tal-appell tagħha fil-25 ta' Mejju 2015 li baqa' mhux degretat.

7 Din il-Qorti tista' tirreferi għall-ġurisprudenza, speċjalment dik tagħha stess, f'kull ħin. B'hekk, inkwantu **Dok A**, **Dok B Dok C** u **Dok D** huma lkoll sentenzi tal-Qrati Maltin mhijiex se tordna l-isfilz tagħhom. Madanakollu, dawk is-sentenzi ma jistgħux iservu bħala prova ġdida ġialadarba l-appellant altru milli kellu biżżejjed żmien sabiex iressaqhom bħala prova.

8 Fir-rigward ta' **Dok E**, l-appellant jikkontendi li meta l-appellata ġiet intervistata mill-psikjatra u mill-psikologa maħtura mill-Qorti, hija tagħthom x'jifhmu li huwa kien jgħajjarha '*ħanżir*' meta kienet żgħira u kien saħansitra għamillha taqbila fejn xebbagħha ma' ħanżir biex jumiljaha. Għalhekk, permezz ta' **Dok E** jrid juri li, kuntrarjament għal dak li ngħataw x'jifhmu l-esperti, hu kien biss jgħanni lill-appellata u lil ħutha *nursery rhyme* popolari Maltija.

9 L-Artikolu 145 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *'Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor.'*

10 F'pronunzjament reċenti ta' din il-Qorti ngħad hekk:

> *'13. Fil-fatt l-interpretazzjoni riċenti li qegħda tingħata lil dan l-artikolu hija waħda ristretta: u cioe` li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jingħataw piż **biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza**.'*[7]

11 Skont dak li jsostni l-appellant, huwa kien ikanta lill-appellata d-diski kontenuti fis-CDs in kwistjoni meta hija kienet żgħira. Mhux il-każ għalhekk li din hija xi prova li ma kellux qabel.

[7] ***Falzon Maria Dolores v. Debarro Monica et***, deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju 2019

12 Lanqas ma tirriżulta xi ġustifikazzjoni valida għalfejn dawn is-CDs ġew preżentati biss fl-istadju tal-appell. Sa mill-ewwel paġna tar-rikors promutur l-appellata sostniet li l-appellat kien ikantalha l-frażi *'ħoxna, ħoxna, qisek katuba, par widnejn qishom qlugħ, b'imnieħru ċatt, b'denbu nnukklat, għall-qatla jeħduh'*. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jrid jagħti x'jifhem l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, din mhijiex xi rivelazzjoni li l-appellata għamlet unikament fl-istadju aħħari tal-proċeduri mal-esperti maħtura mill-Qorti. L-appellata kienet ċara sa mill-bidunett tal-proċeduri u mhux wara li kienu diġa` ngħalqu l-provi tal-partijiet.

13 F'kull każ, lanqas wara l-preżentata tar-rapport tal-esperti, ma saret talba mill-konvenut sabiex jippreżenta s-CDs bħala prova. Ir-rapport tal-psikjatra Dr. David Cassar u l-Psikoloġista Klinika Rose Galea, ġie ppreżentat in atti fit-3 ta' Diċembru 2012. Sat-28 ta' Jannar 2014 l-appellant kien għadu jitlob l-estensjonijiet sabiex jippreżenta d-domandi in eskussjoni liema domandi ġew imwieġba mill-esperti fl-10 ta' Marzu 2014. Fit-3 ta' Diċembru 2014 l-istess esperti xehdu *viva voce* in eskussjoni. F'dik l-udjenza ġie vverbalizzat:[8]

> *'Id-difensuri tal-partijiet jiddikjaraw li m'għandhomx iktar provi u jaqblu li l-kawża tista' tmur għas-sentenza bil-fakolta' li jippreżentaw noti iżda b'dan li Dr Scerri qed jitlob żmien sabiex jesebixxi xi dokumenti relatati mas-separazzjoni bejn il-klijent tiegħu u omm l-attriċi. Id-difensuri tal-attriċi jopponu għat-talba.*
>
> *"Il-Qorti,*

[8] Fol. 515.

*"Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju 2010 fejn id-difensuri ddikjaraw illi m'għandhomx aktar provi xi jressqu.*

*"Tiċħad it-talba b'dan illi fin-noti ta' sottomissjonijiet il-partijiet huma liberi li jindikaw id-dati u l-kawżi li kien hemm bejn il-konvenut u l-mara tiegħu.*

*"...'*

14 Ladarba sa mill-bidu tal-kawża l-appellata spjegat b'mod ċar fhix kienu jikkonsistu l-ilmenti tagħha u l-konvenut kellu kull opportunita` li jressaq il-provi li ried sabiex jirribatti, din il-Qorti ma tistax tippermetti li jitressqu provi ġodda fi stadju tal-appell.

15 Il-Qorti qiegħda għalhekk tordna l-isfilz ta' **Dok E** anness mar-rikors tal-appell.

16 Hu l-obbligu ta' kull ġenitur li jagħti kura, sostenn materjali u assistenza morali lit-tfal irrispettivament twieldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ. Il-ġenituri għandhom ir-responsabbilta` ta' ġenitur fuq uliedhom, u dan iwassal għall-obbligu li jipprovdu għall-manteniment mill-aspett ekonomiku, imma wkoll għall-edukazzjoni, sorveljanza u protezzjoni ta' wliedhom.

17 L-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

*"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni,għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta'ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir. impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk".*

**L-Apprezzament tal-Provi.**

18 Permezz tal-ewwel parti tal-appell tiegħu l-appellant jikkontendi li hemm raġunijiet validi biżżejjed biex jitfgħu dubju raġjonevoli fuq il-ġustizzja tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti. Dak miġbur taħt din l-intestatura mhuwiex aggravju *per se* iżda biss preludju għall-kumplament tar-rikors tal-appell tiegħu.

19 Min-naħa tagħha l-appellata wieġbet illi Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi.

20 Din il-Qorti tirreferi hawn għas-sentenza minnha mogħtija fl-ismijiet ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dott. Joseph Muscat et*** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018 fejn ġie ppuntwalizzat li:

> *'Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.'*

21 Issa ser tgħaddi biex tqis l-aggravji tal-appellant.

**Ir-Rapport tal-Esperti.**

22 L-appellant jilmenta li r-rapport u x-xhieda tal-esperti nominati mill-Qorti tistrieħ biss fuq il-verżjoni li tathom l-attriċi peress li intervistaw biss lilha, u dan minkejja li permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-prim'istanza fis-6 ta' Lulju 2010 (a fol. 231 u 232) kienu ġew awtorizzati '*li jisimgħu lill-attriċi, lill-konvenut, u lil Rose Grech bil-ġurament kif ukoll lill-minuri Michaela Cordina'*. Inoltre fl-istess digriet il-Qorti pprovdiet li '*Is-seduti li fihom ikunu se jinstemgħu bil-ġurament xi ħadd mill-imsemmija persuni, għandhom ikunu miftuħa għall-partijiet fil-kawża u d-difensuri tagħhom.'* Jilmenta li ma ngħatax tali opportunità. Jikkontendi li dak li stqarret l-attriċi mal-esperti kien frott ta' manipulazzjoni da parti tal-omm u li l-perizja hija fjakka sal-punt li kellha tiġi skartata mill-ewwel Qorti. Żied li d-dijanjożi tal-esperti huma mimlijin b'inkonsistenzi bla ma jieħdu kont ta' *compensation neurosis.* Jinsisti li l-prova ta' xi menomazzjoni ma saritx.

23 Jirriżulta mill-atti illi fit-28 ta' Mejju 2010[9] il-partijiet iddikjaraw li m'hemmx aktar provi x'iressqu. Madankollu l-avukat tal-attriċi talab lill-Qorti tagħti provvediment dwar it-talba attriċi sabiex jinħatar psikologu

[9] Fol. 229.

sabiex, wara li jeżamina lilha u l-konvenut, jirrelata dwar il-ħsara psikoloġika li kienet sofriet. B'digriet mogħti fis-6 ta' Lulju 2010,[10] il-Qorti nnominat **lill-psikologu Dr. Michael Galea u lill-psikjatra Dr. David Cassar** sabiex wara li jeżaminaw lill-attriċi jirrelataw bil-miktub:-

> *'(a) Dwar jekk Judith Nicola Cordina hijiex tbati minn xi diżordni emozzjonali u mentali ta' natura permanenti.*
>
> *"(b) Fl-affermattiv:-*
>
> *I. "F'hiex tikkonsisti tali debilità, x'effett kellha fl-iżvilupp tagħha u x'effett jista' jkollha fil-futur, u x'inhu l-grad ta' debilità mill-aspett ta' ħajja lavorattiva.*
>
> *II. "Minn x'hiex kienet kaġunata din id-debilità, u jispjegaw kif waslu għal tali konklużjoni.*
>
> *"Il-Qorti tawtorizza lill-esperti li jisimgħu lill-attriċi, lill-konvenut u lil Rose Grech bil-ġurament kif ukoll lill-minuri Michaela Cordina. Is-seduti li fihom ikunu ser jinstemgħu bil-ġurament xi ħadd mill-imsemmija persuni, għandhom ikunu miftuhin għall-partijiet fil-kawża u d-difensuri tagħhom.*
>
> *"Fl-aħħarnett tinnomina **lill-avukatessa Dr Simone Grech** sabiex tassisti lill-esperti fil-qati tal-inkarigu tagħhom.*
>
> *"Spejjeż proviżorjament għall-attriċi.*
>
> *"Tordna li r-rapport jiġi ppreżentat sa l-aħħar ta' Ottubru 2010.'*

24 B'digriet mogħti fis-7 ta' Settembru 2010[11] il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-psikologu Dr. Michael Galea li kien diġa` ta l-parir tiegħu f'proċeduri ta' annullament taż-żwieġ bejn il-konvenut u martu omm l-attriċi u nnominat **lill-psikologa Anna Maria Mangion** *ai fini* tad-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju 2010. Sussegwentement, b'digriet ieħor tal-14 ta'

[10] Fol. 231
[11] Fol. 239.

Ottubru 2010,[12] il-Qorti laqgħet it-talba tal-psikologa Anna Maria Mangion sabiex titħassar in-nomina tagħha u minflok ħatret **lill-psikologa Rose Galea** bl-istess inkarigu ai fini tad-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju 2010.

25 Fit-3 ta' Diċembru 2012[13] ġie eżebit ir-rapport tal-esperti. Fih jingħad li saru s-segwenti seduti:

25.1 *preliminary session* bejn Dr. Cassar u Ms Galea;

25.2 laqgħa bejn Rose Galea, Dr. Cassar u Dr. Simone Grech fit-30 ta' Novembru 2010 fejn ġiet diskussa u stabbilita l-proċedura;

25.3 il-psikologa Rose Galea għamlet *clinical interview* mal-attriċi fit-2 ta' Frar 2011 li għaliha kien hemm ukoll preżenti Dr. Simone Grech;

25.4 il-psikjatra Dr. David Cassar *extended interview* tal-attriċi fl-20 ta' Mejju 2011 li għaliha kien hemm ukoll preżenti Dr. Simone Grech;

25.5 sar inkontru ieħor bejn il-psikjatra Dr. David Cassar u l-psikologa Rose Galea sabiex jiddiskutu l-każ;

[12] Fol. 243.
[13] Fol. 271 *et seq*.

25.6 saret sezzjoni finali fis-16 ta' Diċembru 2012 bejn il-psikologa Rose Galea u Dr. Simone Grech biex jiġi diskuss kif kellha titħejja l-amalgamazzjoni taż-żewġ rapporti f'wieħed.

26 Effettivament, mill-atti ma jirriżultax li l-esperti maħtura mill-Qorti kkomunikaw mal-konvenut appellat: la sabiex jixhed u lanqas sabiex jattendi għas-seduti li matulhom sar il-*clinical assessment* tal-attriċi. Madanakollu, kif ġustament wieġbet l-appellata, fil-frattemp baqgħu għaddejjin is-seduti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri u matulhom kien qiegħed jiġi vverbalizzat il-progress li kien qiegħed isir mill-periti ġudizzjarji. Hekk fil-verbal tas-6 ta' April 2011 jirriżulta li kienet diġa` ġiet intervistata l-attriċi[14] u fil-verbal sussegwenti tal-15 ta' Ġunju 2011[15] ġie verabalizzat li l-perit legali Dr. Simone Grech informat lill-Qorti li saret seduta fl-20 ta' Mejju 2011 u nstemgħet l-attriċi mill-psikjatra Dr. David Cassar.

27 Quddiem il-Qorti tal-prim'istanza, l-appellant fl-ebda waqt ma lmenta li ma kienx qed jiġi nfurmat b'dawn is-sessjonijiet. Kellu l-fakoltà sħiħa li jagħmel dan kemm qabel il-preżentata tar-rapport kif ukoll wara. Madanakollu, għażel li jibqa' sieket u kien biss fin-nota ta'

[14] Fol. 247.
[15] Fol. 248.

sottomissjonijiet li lmenta[16] biex jiskredita l-konklużjonijiet tal-periti ġudizzjarji. L-istess pretest intuża fir-rikors tal-appell.

28 Il-Qorti qed tuża l-kelma '*pretest'* għaliex hija tal-fehma li jekk il-konvenut appellant deherlu li l-*modus operandi* tal-periti ġudizzjarji ma kienx xieraq, kellu jissenjala dan *a tempo vergine* lill-Qorti sabiex jittieħdu l-miżuri opportuni. Ladarba dan m'għamlux, dik il-parti tal-aggravju tiegħu dwar il-mod kif tmexxew is-sessjonijiet mill-periti tal-Qorti mhux se jintlaqa'.

29 Taħt l-istess intestatura l-appellant jilmenta wkoll li fil-verżjoni mogħtija mill-attriċi lill-esperti tal-Qorti, hija kienet immanipulata minn ommha. Jagħti żewġ eżempji ta' dan:

(i) l-appellant jirreferi għall-verżjoni rakkontata mill-attriċi lill-periti tal-Qorti '*dwar li missierha kien juriha videos pornografiċi flok cartoons meta kienet żgħira kienet biss inkulkazzjoni minn naħa ta' mart il-konvenut biex toskura lil żewġha ma' bintha. Meta ġiet mistoqsija mill-esperti kemm kellha żmien meta missierha kien jagħmel dan, l-attriċi weġbithom li kellha tliet snin, u meta ġiet konfrontata mill-esperti kif setgħet tinduna ta' eta' daqstant żgħira kif il-video kien ikun wieħed*

[16] Fol. 582.

*pornografiku, it-tweġiba tagħha kienet: "Ha ngħidlek jien din veru ftit niftakarha. Aktar li tgħidli l-mummy ... Jiena l-ma kinet tgħidli.".*[17]

(ii) l-appellat jgħid ukoll li '*l-attriċi ġiet mġiegħla temmen u tħoss li l-konvenut kien abbandunaha u rriġettaha għal kollox meta għamel kawża biex jieħu lura f'idejh il-kura u kustodja ta' bintu Michaela'* (Rikors Ġuramentat 2/2008) *'meta fiż-żmien li saret il-kawża l-attriċi kienet ġia maġġiorenni, u għalhekk il-missier ma kien baqgħalu l-ebda dritt jew setgħa fuqha a rigward ta' kura u kustodja.'*

30 L-appellant isostni li minkejja li huwa eskuta l-periti b'mod dettaljat, '*huma ħasbu li aktar ma jkunu kategoriċi u iktar ma jkabbru l-affarijiet iktar ser jitwemmnu. Ma ridux jammettu illi s-sintomi ta' menomazzjoni mentali jistgħu jiġu finti mill-pazjent għaliex m'hemmx mod oġġettiv xjentifiku kif wieħed ma jkunx jaf illi l-pazjent qed jivvinta u jeżaġera.'* F'dan il-kuntest l-appellant jikkwota s-sentenza fl-ismijiet ***Peter Sultana v. Anthony Abela Caruana*** deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 2002 u jikkontendi li: (i) il-menomazzjoni trid tirriżulta oltre kull dubju raġonevoli; (ii) il-psikjatra li jkun qed jagħmel id-djanjożi jkun konxju li huwa normali li pazjent jeżaġera s-sintomi tiegħu; (iii) għandha tingħata importanza kbira għall-kondizzjoni rikonoxxuta bħala *compensation neurosis*.

[17] Fol. 338 u 339.

31 Qabel xejn huwa importanti li jiġi rilevat li estratt li rriproduċa l-appellant mis-sentenza ***Peter Sultana v. Anthony Abela Caruana*** hi limitata għal dik il-parti fejn il-Qorti tat-sunt tal-aggravju tal-appellant. Dak li ma jgħidx l-appellant hu li f'dak il-każ ġie deċiż li:

> *'Din il-Qorti naturalment ma tistax taqbel ma' sottomissjoni ta' din ix-xorta.*
>
> *"...*
>
> *"F'dan il-qasam il-Qorti kellha necessarjament tistrieh fuq il-fehma konsidrata ta' professjonisti kwalifikati ta' esperti in materja. Fil-kaz taht ezami l-ewwel Qorti kellha l-assistenza ta' opinjoni teknika mill-aktar kwalifikata. Tinnota wkoll illi lesperti kienu pjenament a konoxxenza tal-kondizzjonijiet partikolari li ghalihom l-abbli difensur tal-konvenut ghamel riferenza, u f'dan ir-rigward jakkwista mportanza determinanti r-rapport tal-periti addizzjonali minn tlieta fost l-aqwa esperti medici fil-pajjiz, b'esperjenza vasta anke f'xoghol gudizzjarju...'*

32 Huwa minnu li f'dak il-każ il-periti tekniċi qalu li '*ftit jew wisq'* imdorrijin isibu element ta' eżaġerazzjoni kważi f'kull pażjent li sofra xi korriment. Iżda tali konklużjoni ma tistax tiġi applikata *erga omnes* fil-kawżi kollha fejn ikun hemm element ta' dannu psikoloġiku. Kull każ għandu l-fatti partikolari tiegħu u għalhekk, kull fejn ikun jeħtieġ, jinħatru professjonisti *ad hoc*. Huwa stabbilit li:

> *'... bin-nomina ta' periti, l-Qorti ma tkun qed taghmel xejn hlief tassigura li tingieb prova mehtiega ghall-process. Prova li, bhal kull prova ohra fl-atti, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbli u kredibbli, kellha tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Gudizzju illi kellu jigi format u espress iuxta allegata et probata.*
>
> *"Kien ghalhekk illi l-ligi tesigi illi l-periti jikkonfermaw l-opinjoni taghhom bil-gurament u tirregola b'mod rigoruz il-mod kif kellhom jikkonducu l-proceduri quddiemhom. Biex tassigura imparzjalita' shiha u allura*

*attendibilita' ghall-prova li tkun ser tigi minnhom prodotta, il-ligi taghti l-opportunita' lill-partijiet li jirrikuzaw il-perit minnha nominat, propju biex taccerta l-imparzjalita' u l-indipendenza tieghu. Kien ghalhekk* ***li l-ligi taghti mano libera lill-Qorti illi taccetta jew tirrifjuta l-opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra setghet allura tigi skartata mill-Qorti. Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu ormai stabilit anke fil-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta' perit tekniku minnha nominat ghaliex dik, kif inghad, tikkostitwixxi element ta' prova importanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant. Finalment kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovdi ghan-nomina ta' periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifika ta' l-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta.*** *'*[18] (Enfasi ta' din l-Qorti)

33 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-fatti esposti aktar 'il fuq, il-Qorti ħatret tim ta' esperti li kien jinkludi konsulent psikjatra, psikologa klinika kif ukoll avukat biex tassistihom jespletaw l-inkarigu tagħhom. Finalment ġie pprezentat rapport wieħed[19] fejn, minkejja li d-djanjożi rispettiva taż-żewġ esperti nżammet separata peress li kull wieħed mill-esperti rrelata mill-*punto di vista tal-professjoni tiegħu,* kien hemm qbil li:

*'Nicola Judith Cordina's present level of psychiatric and psychological disability is calculated at a level of 8% (eight per cent) according to established criteria of disability. (Australian Department of Social Security).'*[20]

34 Dwar iż-żewġ punti partikolari sollevati mill-appellant, il-Qorti tinnota li mkien fir-rapport tal-esperti ma saret referenza għax-xhieda tal-appellata dwar il-fatt li ommha kienet qaltilha li meta hija kienet żgħira missierha kien juriha jew iħalliha tara videos pornografiċi. Min-naħa l-

[18] ***Camilleri Benjamin noe v. Debattista Charles noe***, Qorti tal-Appell (Superjuri), 9 ta' Frar, 2001.
[19] Fol. 271 *et seq*.
[20] Fol. 295.

oħra, ix-xhieda tal-attriċi fis-sens li missierha kien fetaħ kawża għall-kura u kustodja ta' ħutha minuri u mhux tagħha, tissemma' mill-psikologa biss. Jirriżulta li l-kawża li ppreżenta l-appellant għall-kura u kustodja ta' ħut l-appellata[21] nfetħet fl-10 ta' Jannar 2008 u għalhekk verament li dak iż-żmien hija kienet maġġorenni. Pero` dan kien biss wieħed minn ħafna episodji li ssemmew fl-istess rapport u, kif se jiġi spjegat aktar 'il quddiem, dan kien biss episodju li laqat fil-laħam il-ħaj ferita **li kienet hemm minn ħafna qabel**. Fi kliem ieħor, dan ma kienx il-kawża tal-kondizzjoni tal-appellata.

35 F'kull każ, safejn l-appellant deherlu li l-perizja redatta mill-esperti ma kinitx waħda affidabbli huwa kellu tlett mezzi biex jikkontestaha: l-ewwel billi **jeskuti** lill-periti, fit-tieni lok, billi jitlob il-ħatra ta' **periti addizzjonali**, u fit-tielet lok billi jipproduċi jew għallinqas jitlob li jipproduċi kwalsiasi **prova oħra kuntrarja, attendibbli u kredibbli**.

36 Mill-atti jirriżulta li r-rapport tal-periti ġie preżentat in atti fit-3 ta' Diċembru 2012. Il-Konsulent Psikjatra Dr. David Cassar ikkonfermah bil-ġurament fl-20 ta' Frar 2013, il-psikologa Rose Galea fit-28 ta' Jannar 2013 u l-perit legali Dr. Simone Grech fis-16 ta' Jannar 2013. L-appellant eskuta lill-periti permezz ta' domandi miktuba ppreżentati wara l-udjenza

[21] 2/2008 fl-ismijiet ***Cordina Michaelangelo v. Grech Rose.***

tat-28 ta' Jannar 2014 liema domandi ġew imwieġba mill-esperti fl-10 ta' Marzu 2014. Fost ir-risposti tal-esperti tekniċi, ingħad kif ġej:

36.1 '*Nikkonfermaw illi mxejna bil-proċeduri normali tagħna professjonali fejn ħassejna illi f'dan il-każ speċifiku, kellna biss inkellmu lill-attriċi. Fl-evalwazzjoni u diskussjoni bejnietna ma inħassx il-bżonn illi nitkellmu ma sorsi oħrajn.';*

36.2 *'L-istat mentali evalwat tal-attriċi ma kellux bżonn verifika minn ħaddieħor. L-esplorazzjoni individwali u separat tagħna aċċertana illi kien qed ikollna l-istampa vera tal-ġrajjiet kemm minħabba l-kontenut affettiv waqt id-deskrizzjoni tal-fatti deskritti, kif ukoll il-konsistenza kemm ġewwa sessions individwali kif ukoll bejn is-sessions tagħna separatament.'*

36.3 *'L-istat mentali li żviluppa fl-attriċi, għalina, huwa ċar li żviluppa sforz il-perċezzjoni tal-esperjenzi tal-attriċi. L-attriċi mill-evalwazzjoni tagħna, m'għandhiex problemi fil-personalità fejn tinterpreta dak li qed tgħaddi minnu b'mod patoloġiku.'*

37 Fost affarijiet oħra l-esperti ġew mistoqsija jekk kinux konxji li meta nfetħet il-kawża minn missier l-attriċi għall-kura u kustodja ta' Michaela u Koli l-attriċi kellha 19-il sena u għalhekk kienet saret maġġiorenni u f'dan il-kuntest jekk dak osservat minnhom fir-rapport jibqax validu xorta waħda. Huma wieġbu:

*'jibqa validu xorta waħda'.*[22]

38 Sussegwentment, fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2014 ġie vverbalizzat li l-konvenut, '***qed jirrinunzja għat-talba tiegħu għall-ħatra ta' periti perizjuri, dan illi qed iżomm ferm it-talba tiegħu biex jeskuti l-periti viva voce***.'[23] Effettivament l-eskussjoni *viva voce* saret fit-3 ta' Diċembru 2014. Il-psikjatra Dr. David Cassar tenna:

> *'aħna lill-persuna kellimniha u evalwajniha, eżaminajniha fit-tul, separatament u apposta eżaminajniha separatament. L-evalwazzjoni professjonali hija normali ħafna li aħna nevalwaw persuna u nħarsu lejn l-informazzjoni li taslilna mingħand dik il-persuna u jekk aħna huwa l-prassi normali tagħna li jekk aħna nħossu li ma kienx hemm bżonn ta' informazzjoni ulterjuri, informazzjoni separata aħna noqgħodu speċifikament minħabba l-eżami professjonali aħna ttrenjati fih biex nużaw dik l-informazzjoni biex naslu għall-konklużżjonijiet tagħna. Mhux biss, imma jien li rajtha waħdi u l-kollega tiegħi li ratha waħedha mbagħad ltqajna u ddiskutejna bejnitna u kien ċar għalina li dak kollu li qaltilna kien konsistenti fil-ħin tiegħu fit-tul minn ħin għall-ieħor u kien konsistenti wkoll bejnitna u għal dik ir-raġuni ma ħassejna l-ebda bżonn li nieħdu informazzjoni oħra.'*[24]
>
> *'... l-mod li kkomunikat l-eseperjenzi tagħha Nicola Cordina. Il-mod li espremiet il-livell ta' distress tagħha, l-emozzjoni tagħha. L-evalwazzjoni tagħna writna ċar li din ma kinitx qed tigdbilna, ma kinitx qed tipprova turina wiċċ b'ieħor, għax l-intensita' tal-esperjenzi tagħha għaliha kienu tant qawwijin li ħallew l-impatt tagħha ċar fuqha.'*[25]
>
> *'l-esperjenza professjonali turina ċar li jekk persuna qed tgħix f'ambjent pożittiv, healthy, nurturing, supportiv u kultant ikun hemm inċident negattiv, l-esperjenzi pożittivi validi tant jagħtu reżiljenza li inċident darba kultant ma jaffetwax il-persuna negattiva, b'mod negattiv. Il-mod li Nicola Cordina tiddeskrivi ttfulija tagħha u l-uġiħ u l-biża' tat-tfulija tagħha għalija juri biċ-ċar li ma setgħux kienu tlett (3) inċidenti, waħda 'l hawn u waħda 'l hemm li lilha affetwawha b'dan il-mod negattiv imma bilfors kienet qed tgħix ħajja fejn ħafna ħafna mill-ħin kienet qed tgħix ħajja ta' biża kbira'*[26]

[22] Fol. 419.
[23] Fol. 428.
[24] Fol. 444.
[25] Fol. 446.
[26] Fol. 454.

39 Speċifikament dwar il-kawża li missier l-appellanti fetaħ biex jieħu f'idejh il-kura u kustodja ta' ħut l-attriċi[27] Dr. Cassar xehed:

> *'No, it was not the straw that broke the camel's back, the camel's back had been broken away long time before, she has, she was, Nicola, Judith Nicola kienet ilha trawmatizzata mhux meta kellha tmintax (18) u missierha ma' nkludijhiex fil-proċess. Judith Nicola kienet ilha trawmatizzata minn meta kienet żgħira. Meta persuna qed tgħix esperjenza ta' uġigħ kbir, kwalunkwe esperjenza fuqha ħa jibqa' jżidlek l-uġigħ, imma l-uġigħ kien ilu hemm. L-uġigħ ma bediex fit-two thousand and eight (2008), u napprezza li qalet Dr. Grech li aħna ma kellniex aċċess għal dan, imma meta inti qed titkellem ma' persuna li l-esperjenza tagħha hija tant trawmatika* ***u din għamlet sigħat twal, sigħat twal mhux qed nitkellmu fuq kwarta, għamlet sigħat twal tesprimi lilna l-esperjenzi profondi tagħha, dik għalina kienet esperjenza oħra imma fl-isfond fil-kuntest tal-esperjenza ta' din it-tifla fil-ħajja tagħha****'.*[28]

40 Il-psikologa Rose Galea xehdet ukoll:

> *'Mhux għax qabblet, għax kien hemm konsistenza biss bejnitna imma għax l-evalwazzjoni tagħna singulari, jiena fl-oppinjoni professjonali tiegħi bbażżata fuq l-evalwazzjoni profonda tiegħi, jien kont ċerta minn dak li kont qed nara.'*[29]

41 Mistoqsi mill-avukat tal-attriċi x'inhu s-*scientific method* biex jiġi determinat persuna hix tigdeb o meno, il-Konsulent Psikjatra Dr. David Cassar wieġeb:

> *'Sinjura Maġistrat ma ssib l-ebda ktieb li jgħidlek a, b, c, d, e dik il-persuna qed tigdeb. Huwa kritiku w importanti fl-evalwazzjoni tagħna li nfittxu dak li aħna ngħidu abnormal beliefs kemm bħala over valued ideas, kemm bħala delużjonijiet. Huwa kritiku w importanti li nevalwaw ikunx hemm diżordni ta' personalita' fejn dik id-diżordni ta' personalita' tagħtik ħjiel ċar li dik il-persuna tista' tkun qed tgħid affarijiet li m'humiex minnhom u mbagħad hemm it-teknika ta' kif insaqsu d-domandi. It-teknika mhux biss ta' kif issaqsi d-domandi imma ssaqsi domandi laterali biex terġa' tiġi għad-domandi biex inti tkun qed iddur mas-*

[27] Effettivament talab il-kura u kustodja ta' Michaela Cordina. Fir-rigward ta' Koli Cordina talab li Rose Grech tottempora ruħha ma dak stabbilit fil-kuntratt ta' separazzjoni.
[28] Fol. 509.
[29] Fol. 445.

*sitwazzjoni biex inti tkun ċert li jkun hemm konsistenza f'dak li tkun qed tisma'. Imbagħad hemm ukoll dak li fil-każ li għamilna aħna, Ms. Galea u jien kien hemm konsistenza ċara bejnitna, mbagħad fl-aħħar ukoll hemm il-mod li inti f'ċertu sitwazzjonijiet anke tiċċelinġja l-persuna bħal ma anke spjegajt iżjed kmieni u fl-aħħar mill-aħħar hemm l-evalwazzjoni klinika tagħna bbażata fuq ħafna esperjenza li tgħinek tara fil-persuna hux qed jgħid il-verita' jew le.'*

42 Minkejja li l-appellant qiegħed hawn jilmenta li l-periti ma kkonsidrawx il-fattur ta' *compensation neurosis* għaliex skontu huwa normali li persuna li tintavola kawża għad-danni tesaġera l-kondizzjoni tagħha, <u>huwa ma għamel l-ebda domanda f'dan is-sens lill-esperti</u>. Kellha tkun il-<u>Qorti</u> li staqsiet:

***'<u>Il-Qorti</u>**:*

*"Minn dak illi assesjajtu intom, is-sinjura, llum sinjura hux hekk? Fetħet kawża, din qed tfittex għall-flus mingħand missierha minħabba dan kollu. Dak stajtu tikkonstataw jekk il-mod kif kienet qegħda tgħid, tirrakkonta l-istorja lilkom jekk kienitx b'xi mod affetwata mill-fatt li din għandha l-kawża kontra missierha u li qed tfittxu għall-flus? Jekk kienitx qed teżaġera minħabba f'hekk? Rajtu xi sinjali minn dawn l-affarijiet?*

*"**<u>Ix-Xhud Rose Galea</u>**:*

*"Le mill-esperjenza li kelli waqt li qed nintervista u mill-eperjenza li kellna …..; ma ħariġx li kienet qed teżaġera l-esperjenza tagħha vis-a-vie missierha. Ma nħossx li kienet qed teżaġera.*

"***<u>Il-Qorti</u>**:*

*"Dr. Cassar?*

"***<u>Ix-Xhud Dr. David Cassar</u>**:*

***"Jiena għalija għandi l-istess risposta. L-intensita' tal-emozjonijiet tagħha u l-komunikazzjoni tagħha kienu konsonanti mal-esperjenza soġġettiva tagħha u mhux sfurzata.**'*[30]

---

[30] Fol. 513.

43 Huwa ċar minn dan kollu li l-aggravju tal-appellant huwa infondat. F'dan il-każ, il-periti nominati mill-Qorti tennew li dak li stqarret magħhom l-attriċi kien konsonanti mal-esperjenza soġġettiva tagħha u eskludew li l-istess kienet eżaġerata. Jekk l-appellant isostni li l-appellata kienet influwenzata minn ommha, mill-provi ma tirriżultax. Il-Qorti ssemmi wkoll li b'nota preżentata fis-6 ta' April 2015,[31] il-konvenut irtira l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet tar-risposta ġuramentata tiegħu u għalhekk irrinunzja għal-linja difensjonali li '*f'din il-kawża hemm l-id moħbija, malinnja u distruttiva'* ta' omm l-attriċi u li kienet l-omm li naqset mill-obbligi ta' ġenitur mhux hu.

44 F'dan l-aggravju l-appellant jirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Francis Abela et v. Carmel Spiteri et*** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' April 2013*.* Il-Perit psikjatra nnominat f'dak il-każ kien iċċertifika li l-attriċi f'dawk il-proċeduri, tabiba bi professjoni, kellha diżabilità mentali ta' 35% u eskluda li hija kienet qiegħda timmanipulah b'mod qarrieqi biex timpressjonah li kienet tbati minn xi ħaġa li ma kinitx u dan għaliex ra li l-ħajja tagħha nbidlet kompletament u rraġuna li ma kienx fl-interess tagħha li ħajjitha tmur daqshekk għall-agħar. F'dak il-każ din il-Qorti kienet tal-fehma li l-perit psikjatra kien wisq kategoriku meta eskluda kompletament il-possibilità li l-pazjenta kienet qed tivvinta jew tesaġera tenut kont ukoll tal-fatt li l-attriċi f'dawk il-proċeduri wriet it-tendenza li tesaġera l-konsegwenzi tal-inċident. Finalment il-Qorti ddeċidiet li:

---

[31] Fol. 566.

> *'r-rata ta' diżabilità li fuqha għandu jinħadem it-telf ta' qligħ futur tal-attriċi għandu jkun ta' 25% u mhux ta' 35%. Hija tagħmilha ċara li waslet għal din ir-rata mhux biss għaliex (i)dehrilha li r-rata tad-diżabilità mentali ta' 35% li wasal għaliha l-perit psikjatra hija esaġerata wisq tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija u għaliex (ii) id-diżabilità mentali fiha nnifisha jidher li ma tantx kellha u ma tantx jidher li ser ikollha impatt kbir fuq il-kapaċità tal-qliegħ tal-attriċi, iżda wkoll (iii) minħabba li hija tal-fehma li t-telf ta' qligħ futur li ser tbati l-attriċi bħala tabiba minħabba d-diżabilità fiżika ta' 15% aktarx li ser ikun akbar mid-diżabilità fiżika ta' 15% innifisha.'*

45 Minn dik il-parti tas-sentenza hu ċar li ċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ kienu nettament differenti minn dawk tal-każ tal-lum. Fil-każ in eżami l-Qorti mhijiex tal-fehma li r-rata ta' diżabilità ta' 8% hi eċċessiva jew li l-attriċi eżaġerat f'dak li rrakkontat lill-periti ġudizzjarji. Ta' rilevanza hawnhekk il-fatt li mhux biss il-psikjatra Dr. David Cassar u l-psikolga Rose Galea kkonfermaw dan iżda saħansitra l-perit legali Dr. Simone Grech xehedet li lanqas hi ma kellha dubju mis-sinċerità tal-attriċi stante l-emozzjoni li ġiet trasmessa minnha meta kienet qed tirrakkonta l-viċendi ta' tfulitha.

46 Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**L-allegata Influenza Manipulattiva ta' Rose Grech.**

47 F'dan l-aggravju l-appellant jisħaq li jemmen b'konvinzjoni li wara din il-kawża m'hemmx sempliċement bintu l-attriċi iżda ommha Rose Grech. Jirreferi għas-segwenti:

47.1 Rose Grech kienet ikkonsultat privatament mal-psikologa Joan Camilleri qabel l-istess psikologa nħatret biex tirrelata mill-Qorti tal-Familja;

47.2 l-atti tat-Tribunal Ekkleżjastiku tal-annullament taż-żwieġ bejn l-appellant u omm l-attriċi spiċċaw f'idejn l-appellata u ġew eżebiti minnha bħala prova kontrih;

47.3 ir-rapport tal-psikologa Caroline Mallia sar fuq il-verżjoni li tawha l-attriċi u ommha; u

47.4 il-psikologu Laner Cassar, li ntalab jagħmel rapport dwar oħt l-attriċi, Michaela Cordina, qatt ma ġie kkonsultat sabiex isegwi huwa wkoll lill-attriċi appellata.

L-appellant m'għandux dubju li t-tliet rapporti tal-psikoloġi *ex parte,* li jinsabu eżebiti in atti konxjament jew inkonxjament ħallew ukoll effett u l-impronta tagħhom fuq l-esperti nominati mill-Qorti li kellhom f'idejhom l-atti tal-proċess. Hawnhekk l-appellant jerġa' jilmenta li ma ngħatax l-opportunità jsemma' leħnu mal-esperti jew almenu jikkontrolla x-xhieda li ngħatat quddiemhom u lanqas ma ngħata l-opportunità jġib quddiemhom provi li dak rakkontat lilhom mill-attriċi ma kienx kollu sewwa u kien, '*imsejjes fuq nofs veritajiet, esaġerazzjonijiet, u manipulazzjoni u*

*tgħawwiġ tal-fatti.'* Għalhekk jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti straħet fuq dawn il-provi u ddikjarat li '*hija propensa li temmen lil dawn ix-xhieda u mhux lill-konvenut li xehed biss dak li jaqbillu u xejn aktar.'*

48 L-ewwel parti ta' dan l-aggravju hija bbażata fuq allegazzjoni gratwita` li mhijiex sostanzjata. In eskussjoni staqsa:

> '*Jekk l-atti kollha tal-kawża ġewx f'idejkom, u jekk ħadtux konjizzjoni ta' kull ma ġie esibit fl-atti mill-partijiet inklużi r-rapporti tal-psikoloġi li ġew esebiti mill-attriċi? Jekk ġew f'idejkom, x'analiżi oġġettiva għamiltu tal-istess atti jew dokumenti?'*[32]
>
> "It-tweġiba tal-esperti kienet is-segwenti:
>
> '***Kien essenzjali li noqogħdu attenti illi ma niġux influwenzati minn rapporti biex naslu għal konklużjonijiet indipendenti*** '.

49 Mix-xhieda tal-esperti in eskussjoni huwa wkoll ampjament ċar li l-konklużjonijiet tal-esperti ġew ibbażati fuq eżami dettaljat tal-apellata nnifisha. A skans ta' ripetizzjoni inutli din il-Qorti tirreferi għal dak li diġa` saret referenza għalih iktar qabel f'din is-sentenza.

50 Safejn imbagħad l-appellant jerġa' jilmenta dwar l-allegata manipulazzjoni ta' omm l-attriċi, li ma ngħatax l-opportunità jsemma' leħnu ma' l-esperti jew almenu jikkontrolla x-xhieda li ngħatat quddiemhom, u li lanqas ma ngħata l-opportunità jġib quddiemhom provi li dak rrakkontat lilhom mill-attriċi ma kienx kollu sewwa u kien '*imsejjes*

[32] Fol. 418.

*fuq nofs veritajiet, esaġerazzjonijiet, u manipulazzjoni u tgħawwiġ tal-fatti'* dan hu biss ripetizzjoni ta' dak li diġa` ntqal fir-rigward tal-aggravju preċedenti. A skans ta' dilungar bla bżonn din il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet li diġa` għamlet fir-rigward u ttenni li l-appellant kellu kull opportunità li jilmenta dwar dan fil-mument opportun. F'dan il-każ, mhux talli l-appellant baqa sieket, talli rtira dawk l-allegazzjonijiet speċifikament rigwardanti l-allegata manipulazzjoni da parti ta' omm.

51 L-appellant lanqas ma għandu bażi biex jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti għażlet li ma temminx il-verżjoni tiegħu a bażi tar-rapporti in atti nkluż dawk tal-periti *ex parte.* Jinkombu fuq il-konvenut iressaq il-provi għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-verżjoni tal-attriċi (*reus in excipiendo fit actor*).[33] Fil-fehma ta' din il-Qorti tali prova ma tressqitx.

52 Dan l-aggravju huwa għalhekk ukoll miċħud.

**Xhieda konfliġġenti.**

53 L-appellant isostni wkoll li l-ewwel Qorti ppurvat tiskarta x-xhieda konfliġġenti fosthom tal-partijiet u ta' mart il-konvenut biex finalment

[33] ***Raymond Cutajar v. Slipform Engineering International Limited***, Qorti tal-Appell (Superjuri) 27 ta' Marzu 2020; ***Joseph Tonna v. Philip Azzopardi***, Qorti tal-Appell (Inferjuri) 12 ta' April, 2007.

straħet fuq l-esperti nominati minnha u l-psikoloġi *ex parte* li semgħu, ivvalutaw u rrelataw biss fuq dak li ġie rrakkontat minnhom mill-attriċi u ommha. Jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti: (i) rreferiet għax-xhieda ta' oħtu Pawlina Portelli għaliex '*hi u huha kienu miksurin'*; kif ukoll (ii) safejn irreferiet għax-xhieda ta' Mary Anne Brincat, għalliema tal-attriċi, għaliex din kienet biss għalliema waħda minn ħafna u x-xhieda tagħha tikkontrasta ma' dak li qal il-Kap tal-Iskola Dun Karm Gauci u Rita Scicluna li ġiet warajh.

54 Jiġi mtenni li ma tirriżulta l-ebda raġuni valida għalfejn l-ewwel Qorti kellha tiskarta r-rapporti tad-diversi esperti li jinsabu in atti, *multo magis* meta l-konklużjonijiet minnhom raġġunti mhumiex konfliġġenti. Min-naħa l-oħra x-xhieda ta' Mary Anne Brincat ma tirriżultax kontraddetta.[34] Il-fatt li l-kap tal-iskola Reverendu Carmelo Gauci ma ftakarx li kien sarlu xi rapport ma jfissirx li dak li xehdet Mary Anne Brincat ma kienx minnu. Dan speċjalment in vista tal-fatt li kien fis-sena 2000 li r-Rev. Gauci assuma l-kariga ta' kap tal-iskola fejn kienet tattendi l-attriċi.[35] Fix-xhieda tagħha Mary Anne Brincat tgħid iżda li '*il-kap tal-iskola kien Dun Giljan Refalo.*[36] Rita Sultana mbagħad xehdet biss dwar oħt l-appellata Michaela.[37]

[34] Fol. 178 – 179.
[35] Fol. 205.
[36] Fol. 178.
[37] Fol. 207.

55 L-ewwel Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tat-Tribunal Ekkleżjastiku dwar l-annullament tal-ġenituri tagħha fejn hemm ukoll referenza għal dak li xehdet Pawlina Portelli, oħt l-appellant. L-appellant ma ta l-ebda raġuni konkreta għalfejn tali xhieda ma kellhiex tkun emmnuta. Jirriżulta li oħtu Pawlina kienet tmur id-dar tal-appellant kuljum biex tnaddaf u ssajjar l-ikla ta' nofsinhar. Għalhekk, ix-xhieda tagħha kienet ta' rilevanza kbira. Jekk kien hemm xi diverbju bejn Pawlina u ħuha l-appellant, dan waħdu ma jxejjinx awtomatikament ir-riżultanzi li jinsabu fis-sentenza tat-Tribunal Ekkleżjastiku. Huwa ma jagħti l-ebda raġuni konkreta għalfejn ix-xhieda ta' oħtu Pawlina ma kelliex tittieħed in konsiderazzjoni.

56 Dan l-aggravju jirriżulta għalhekk ukoll infondat.

**<u>Allegat Nuqqas ta' Ness ta' Kawża u Effett mad-Danni allegatament sofferti.</u>**

57 L-appellant jikkontendi li tlett elementi riedu jiġu ppruvati f'din il-kawża: (i) fatt illeċitu mwettaq minnu; (ii) danni sofferti mill-appellata; u (iii) ness bejn it-tnejn. Jikkontendi li l-attriċi ma seħħilhiex tipprova l-konkorrenza ta' dawn l-elementi fi grad sodisfaċenti biex il-Qorti takkolji t-talbiet tagħha.

58 Ix-xhieda tal-esperti in eskussjoni ma tħalli l-ebda dubju li d-dannu psikoloġiku permanenti soffert mill-appellata u minnhom stabbilit f'perċentwal ta' 8% huwa unikament konsegwenza tat-trattament ta' missierha fil-konfront tagħha meta hija kienet għadha żgħira u vulnerabbli:

> ***'Ix-Xhud Dr. David Cassar :***
>
> *"Aħna esplorajna projection, li jiena min-naħa tiegħi ma kienx hemm projection. Min-naħa tiegħi l-esperjenza personali ta' Nicola Cordina kienet ir-relazzjoni tagħha ma' missierha.*
>
> *"...*
>
> *"**Il-Qorti :***
>
> *"Meta intom qed tagħtu d-diżabilita' ta' tmienja fil-mija (8%), fiċ-ċirkostanzi li kien hemm anke s-separazzjoni bejn il-ġenituri, t-tmienja fil-mija (8%) kif tidentifikaw li dawn huma kompletament tort il-komportament tas-sinjur? Jew jista' jkun li parti minnu jew huwa riżultat ta' dak li seħħ bħala separazzjoni bejn il-partijiet u mhux l-atittudni tal-missier fil-konfront tagħha? Jew ma tistgħux tidentifikaw?*
>
> "***Ix-Xhud Dr. David Cassar***:
>
> *"Esperjenzi trawmatiċi dejjem huma esperjenzi trawmatiċi pero' l-esperjenzi li qasmet magħna Nicola Cordina li wasluha għall-istat li qiegħda fih illum, li meta rajniha Ms. Galea u jien kienet ġia marret darbtejn għal terapija fit-tul u kienet fit-tielet (3) terapija tagħha, jiġifieri din hija persuna li ġiet trawmatizzata tant li minkejja żewġ (2) esperjenzi fit-tul ta' terapija u waħda (1) on going kienet xorta waħda trawmatizzata. Dak jurina biċ-ċar illi l-esperjenzi trawmatiċi tagħha ma bdewx fiż-żmien ta' separazzjoni imma bdew ferm qabel is-separazzjoni u li dawk fis-snin formattivi meta hi kienet tifla żgħira, dawk l-esperjenzi lilha trawmatizzawha ħafna u f'dak il-kuntest allura nista' ngħidu li l-esperjenza trawmatika tagħha bdiet meta kienet sew qabel iż-żmien ta' separazzjoni.*
>
> "***Il-Qorti***:
>
> *"U qed tirreferi għal dawn l-esperjenzi fil-konfront, li kellha mal-missier?*
>
> "***Ix-Xhud Dr. David Cassar***:

*"Li kellha fil-konfront ma' missierha.'*[38]

*'**Ix-Xhud Dr. David Cassar**:*

*"Inħosni ftit preokkupat hawnhekk Sinjura Maġistrat għax waqt li kif għidt anke qabel jiena wkoll li trawma żżid fuq oħra Nicola Cordina fi żmien tas-separazzjoni kienet ġia persuna affetwata tremend. Kieku kull tifel u tifla u kull adult jekk missierhom u ommhom, jiena anke jekk llum missieri mejjet imma kieku missieri għadu ħaj u ommi u missieri isseparaw jiena llum ukoll niġi affetwat mis-separazzjoni ta' missieri u ommi. Il-maġġoranza kbira tan-nies iħossuha, jgħixuha, taffetwhom imma they accept it, they adjust to it, they come to terms to it, u jibqgħu għaddejjin. Din il-persuna għax kienet ġia trawmatizzata minn qabel, allura kienet vulnerabli ħafna, iva jista' jkun li s-separazzjoni affettwata. Nista' inżid, nista' ngħid mod ieħor, nista' jekk kienet daqshekk affetwata mnn missierha l-fatt li m'għadiex ma' missierha jista' jkun li suppost kellha aktar minn eight percent (8%) għax il-fatt li inqatgħet minn ma' missierha allura naqas it-trawma u mhux żdied it-trawma. Jiġifieri wieħed ma jistax jgħid Nicola Cordina hija kif inhi minħabba it-trawma tas-separazzjoni. Nicola Cordina hija persuna li ġiet affetwata bil-mod li ġiet affetwata, li tant li, nies li jisseparaw ommhom u missierhom Sinjura Maġistrat, il-maġġoranza tagħhom ma' jmorrux għal-terapija ta' tlett (3) darbiet, they come to terms with it, jibqgħu għadejjin bil-ħajja tagħhom. Nicola Cordina b'terapija tlett (3) darbiet, mhux tlett (3) sessions qed ngħid, tlett (3), darba minnhom, waħda (1) minnhom kienet żgur ta' sena, xorta baqgħet tant affewata, jiġifieri aħna eight percent (8%) sibnieh wara dak it-terrapija kollu, xorta affetwata u dak jiena għalija jindika ċar li din kienet pesuna li ġiet affetwata minn qabel is-separazzjoni.*

*"**L-Avukat Dr. Mario Scerri**:*

*"Imma d-domanda Dr. Cassar li għamlet il-Qorti huwa jekk it-trawma li kellha din it-tifla setgħax kien effett ukoll tal-ġlied li kien għaddej tul medda ta' snin, li kien għaddej bejn il-mara u r-raġel?*

*"...*

*"**Ix-Xhud Dr. David Cassar**:*

*"Nerġa nirrepeti li Nicola Cordina mhux bi projection tiddefenixxi li l-esperjenza trawmatika kienet minħabba l-atyitudni tal-missier ġewwa l-familja.'*[39]

---

[38] Fol. 454.
[39] Fol.457.

59 Il-periti eskludew li tali diżabilità kienet dovuta għall-persuni[40] jew fatturi oħra bħall-*projection*, ġenetika[41] jew is-separazzjoni bejn il-ġenituri tagħha.[42]

60 Dan l-aggravju jirriżulta għalhekk infondat.

**Likwidazzjoni tad-Danni.**

61 L-appellant jilmenta li '*mhuwiex possibbli, fl-isfond tar-riżultanzi proċesswali, illi tiġi stabbilita stima awtentika u preċiża tal-entita' tat-telf, ix-xorta ta' debilità u jekk din setgħetx rejalment titqies bħala waħda permanenti li tirrifletti menomazzjoni pożittiva attwali fil-kapaċità lavorattiva futura tal-appellata.'* Jilmenta li l-ewwel Qorti ffissat somma ta' tlieta u għoxrin elf ewro fis-sena wara li '*ħaditha for granted li l-attriċi ma laħqitx l-aspirazzjoni tagħha li ssir accountant professjonali tort tal-konvenut. Hawn l-ewwel Qorti ma kienet tagħmel xejn ħlief tispekula. U minflok ma kkalkulat kumpens fuq id-differenza bejn il-qliegħ attwali tagħha u d-dħul immaġinarju ta' tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000), l-ewwel Qorti kkalkulat id-danni fuq l-ammont sħiħ ta' €23,000 daqs li kieku l-attriċi m'għandha ebda dħul ieħor.'*

[40] Fol. 447.
[41] Fol. 418.
[42] Fol. 451.

62 L-appellata wieġbet li l-ewwel Qorti ma għamlet l-ebda evalwazzjoni spekulattiva in kwantu jirriżulta mir-rapporti tal-esperti li l-attriċi, li ma kienx għall-ħsara li sofriet, kienet kapaċi tiggradwa minn kors ta' livell terzjarju. Tgħid ukoll li l-Qorti kienet kawta ħafna u ħadet bħala bażi tal-likwidazzjoni tad-danni dak li s-soltu jaqla' student normali wara li jiggradwa. Ma ħaditx (kif talbet l-attriċi) il-paga għolja ta' *accountant.*

63 L-ewwel Qorti *inter alia* għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *'l-Qorti tifhem li mhux neccessarjament l-aspirazzjoni tal-attrici kienet li ssir accountant izda zgur li l-attrici minn dejjem kellha u ghad ghandha l-aspirazzjoni li hija tigradwa mill-Universita' u ghalhekk ikollha livell ta' edukazzjoni terzjarju. Sal-lum l-attrici jirrizulta li rnexxielha taghmel b'success kors ta' care-worker izda dan huwa ferm 'il boghod mil-livell terzjarju li l-attrici xtaqet tilhaq u li minhabba dak li ghaddiet minnu, sal-lum ghadha ma rnexxiliex tilhaq dan it-tragward. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-konvenut fin-nota tieghu li l-attrici ma hi qed taghmel xejn u qed tistenna l-'bajtra taqa f'halqa' ghaliex jirrizulta li sal-lum ghadha qed tinsisti sabiex ittejjeb l-edukazzjoni nonostante li sal-eta' ta' ghoxrin sena kienet ghadha qed taghmel ezamijiet li normalment isiru minn zaghzagh ta' hmistax-il sena. Li kieku l-attrici verament qed tistenna l-'bajtra taqa' f'halqa' allura kienet tiftah il-kawza u ma taghmel xejn aktar izda mill-atti jirrizulta li dan evidentement mhux minnu.*
>
> *"Illi in vista tal-provi kollha prodotti u ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis ghalhekk illi l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici gew sodisfacentement ippruvati u jisthoqq li jigu milqugha.*
>
> *"...*
>
> *"linea mal-artikolu 1045 u l-applikazzjoni tieghu fil-gurisprudenza hawn fuq kkwotata huwa minnu li l-Qorti ghandha tezercita' d-diskrezzjoni taghha sabiex sakemm huwa possibbli l-attrici titpogga fil-posizzjoni daqs li kieku hija ma sofrietx id-dannu izda din id-diskrezzjoni tal-Qorti zgur mihiex daqshekk wiesgha li l-Qorti ghandha l-fakolta' li tordna l-hlas ta' danni morali jew li tinjora l-grad ta' debilita' sofferta u taghti mija fil-mija danni lill-attrici kif tippretendi l-attrici fin-nota ta' sottommissjonijiet taghha. Il-Qorti ma tqisx li hija ghandha l-fakolta li tvarja d-debilita ta' 8% dikjarata mill-esperti u huwa dan il-persentagg li ghandu jintuza sabiex jigu kalkolati d-danni tal-attrici.*

> *"...*
>
> *"l-Qorti tifhem li ma jkunx gust u lanqas reali jekk id-disabilita' tal-attrici tigi kkalkolata fuq il-paga prezenti taghha u dan ghaliex f'kaz normali, sal-lum, fl-eta ta' 24 sena l-attrici kienet tkun gradwat jew waslet biex tiggradwa u ghalhekk realistikament il-paga taghha kienet ser tkun ta' persuna gradwata u mhux dik li ghandha llum. Izda l-attrici marret ben oltre u hadmet il-lucrum cessans fuq il-paga medja ta' accountant ta' madwar €35,000 fis-sena meta hareg car mix-xhieda tal-attrici li l-aspirazzjonijiet taghha ma kienux fuq din il-linja. Il-Qorti tqis li kienet x'kienet l-aspirazzjoni tal-attrici, sabiex is-somma likwidata kemm jista jkun tersaq lejn ir-realta' ghandha tittiehed arbitrio boni viri paga bazi ta' mill-anqas €23,000 fis-sena, paga li presso a poco kull gradwat ghandu mill-anqas ikollu fir-realta' tal-hajja tal-lum.*
>
> *"Ghal dak li jirrigwarda snin ta' hidma l-Qorti tqis li l-eta' ta' 24 hija dik medja li normalment persuna tigradwa u b'hekk l-aspettativa tal-paga tibda' minn dik l-eta' u mhux qabel nonostante li d-debilita' giet sofferta ferm qabel. Inzerta li effettivament fid-data tal-gudikat odjern l-attrici fil-fatt ghandha l-eta' ta' 24 sena. L-aspettativa ta' hajja lavorattiva tal-attrici hija l-eta ta' 65, cioe' l-eta' tal-pensjoni. Ghalhekk il-kalkolu ghandu jkun ta' €23,000 x 8% x 41 = €75,440."*

64 Fir-rapport tagħhom l-esperti qalu li, '*Miss Cordina's cognitive faculties are intact and it appears that she possesses average intellectual abilites. However, due to the conflict and emotional abuse during her school years, she did not manage to obtain her necessary qualifications to continue with her education.'*[43] Mhemmx provi li probabbilment kieku l-appellata m'għadditx minn dawk l-esperjenzi kienet ser tkompli tistudja għall-professjoni ta' accountant, li tiggradwa u tibda tirċievi salarju ta' €23,000.

[43] Fol. 288.

65 Huwa impossibbli li jiġi determinat bi preċiżjoni d-dannu patrimonjali li sofriet l-appellata. Wieħed irid jiftakar ukoll li llum il-ġurnata huma ampji l-opportunitajiet sabiex min verament irid, ikompli jistudja u jagħmel dak li m'għamilx qabel. L-appellanti taħdem u żżewġet. Il-Qorti ma ssibx li hemm provi li kien hemm x'iżomm lill-appellata milli, jekk trid, tkompli tistudja u tilħaq l-aspirazzjonijiet tagħha. Dan għadha tista' tagħmlu. Saħansitra f'seduta quddiem il-periti ġudizzjarji qalet li għandha xewqa li tiftaħ *'children's home'*. Hu ferm pożittiv li l-appellanti għandha x-xewqat tagħha u tidher li trid tirnexxi u għandha l-ambizzjonijiet tagħha. Spjegat ukoll li trid tgħin lil ħaddieħor, li hi kwalita` oħra ferm pożittiva. Bil-mod li wieġbet il-Qorti m'għandhiex dubju li l-appellanti trid tkompli tavvanza u tagħmel suċċess u minn dak li qalet tidher determinata. Wara kollox għad għandha 31 sena.

66 Il-Qorti mhijiex ser toqgħod tispekula u ser tibbaża l-kalkoli fuq dak li hu magħruf illum. Bħala stat ta' fatt l-appellata għandha salarju annwali ta' €13,033. Il-Qorti ser tagħmel il-kalkoli fuq is-somma ta' €18,000 ġialadarba meta tqis ukoll l-eta` li għandha, probabbilment matul is-snin il-qligħ tal-attriċi jiżdied.

**<u>Il-Multiplier.</u>**

67 Fid-deċiżjoni appellata l-ewwel Qorti kkonsidrat li l-eta` ta' 24 hija dik il-medja li normalment persuna tiggradwa u b'hekk l-aspettativa ta'

paga tibda minn dik l-eta` nonostante li d-debilità ġiet sofferta mill-attriċi appellata ferm qabel. Qieset ukoll li l-aspettativa ta' ħajja lavorattiva tal-attriċi hija l-eta` ta' 65, ċioé l-eta` tal-pensjoni. Għalhekk użat *multiplier* ta' 41 sena. Fuq dan <u>żiedet</u> il-persentaġġ ta' 10% rappreżentanti *chances and changes in life.*

68 L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti żbaljat: (i) kemm fid-determinazzjoni tal-*multiplier* li huwa eċċessiv; kif ukoll (ii) billi flok naqset perċentwal ta' 10% għac-*chances and changes in life* żiditu.

69 F'sentenza riċenti ***Bonanno Joseph v. Malta Freeport Terminals Limited***[44] din il-Qorti qalet:

> *'Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-multiplier f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-multiplier. (Ara f'dan is-sens issentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza* ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja****, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet* ***Anthony Turner et v. Francis Agius et*** *deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:*
>
> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income."*

[44] Deċiża fis-27 ta' Marzu, 2020.

*"(The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)*

*"Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-multiplier:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122**).*

*"Il-Qorti ssib li ghandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel lincident. Gie stabbilit ukoll li l-multiplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (ara perezempju **Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 1983). **Kwindi konsidrat li m'ghandux jittiehed biss il-maximum working life expectancy imma għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni wkoll ic-chances and changes of life, tqis opportun li tirrevedi l-multiplier fil-kaz in ezami, ghal dak ta' 19**'.*

70 Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-*multiplier* li għandu jintuża fiċ-ċirkostanzi hu ta' 30 sena, li jieħu in konsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life* kif ukoll il-fatt li llum l-attriċi għad għandha kull opportunita`, jekk trid, li twettaq l-aspirazzjonijiet tagħha fil-ħajja.

**<u>Likwidazzjoni tal-ammont dovut.</u>**

71 Stabbilt dan, din il-Qorti qiegħda tilqa' dan l-aggravju limitatament kif hawn deċiż u tillikwida l-kumpens dovut lill-attriċi appellata għad-dannu

reż lilha b'dan il-mod: €18,000 x 8% x 30 = tlieta u erbgħin elf u mitejn euro **(€43,200)**. Meta tqis li għaddew xejn inqas minn tnax-il sena minn meta l-appellata ppreżentat il-kawża, ma tqisx li għandu jsir tnaqqis għal-*lump sum payment*.

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenut u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tal-21 ta' April 2015 billi minflok tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlieta u erbgħin elf u mitejn euro (€43,200) bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza.

Spejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif inhuma filwaqt li l-ispejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal tlett kwarti (¾) a karigu tal-appellant u kwart (¼) a karigu tal-appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm